**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 194/2019 AL

**A B**

**vs**

**Avv. Noel Bartolo u l-PL Daniel Aquilina nominate b'digriet tat-13 ta' Settembru 2019 bħala Kuraturi Deputati f'isem u għan-nom tal-assenti C D E F G B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-partijiet zzewġu nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) (kif jidher fiċ-ċertifikat taz-zwieġ anness u mmarat bħala Dok.1);*

[1] Fol. 1 – 47.

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat snin ilu għal diversi raġunijiet u b'tali mod u natura illi ma tinstab ebda tama li dawn jistgħu jirrikonċiljaw;*

3. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal dawn l-aħħar ħames snin;*

4. *Illi ma kien hemm ebda wlied frott taz-zwieġ tal-partijiet u għalhekk ma jezisti ebda obbligu ta' manteniment dovut lil xi minuri;*

5. *Illi ma jezisti ebda obbligu soġġett fuq xi parti, sabiex jitħallas xi manteniment fil-konfront tal-parti l-oħra;*

6. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi r-rekwiziti sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċiedi din i-talba, kif elenkati fl-Artikolu 66N tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti, nstante li l-esponenti ilha tirrisjedi ġewwa Malta għal diversi snin, kontinwament, kif jidher:*

   i. *Mill-peress ta' residenza u xogħol, maħruġ nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar elfejn u dsatax )2019) li huwa validu sat-tletin (30) ta' Jannar elfejn u għoxrin (2020), anness u mmakat bħala Dok.2;*

   ii. *Mill-fatt illi ilha tapplika għar-residenza tagħha f'pajjizna is-sena 2014, kif jidhe mill-irċevuta għall-applikazzjoni għar-residenza f'Malta maħruġa nhar it-tnax (12) t'Awwissu elfejn u erbatax (2014) mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates, anness u mmarkat bħala Dok.3;*

   iii. *Mill-fatt illi ilha tħallas it-taxxa is-sena elfejn u ħmistax (2015), kif jidher mill-foroli FS3 li jkopru mis-sena elfejn u ħmistax (2015) sas-sena elfejn u tmintax (2018) annessi u markati bħala Dok.4;*

   iv. *Mill-fatt illi hija tikri proprjeta' ġewwa Malta u ilha ġġedded il-kuntratt tal-kera għal numru ta' snin, hekk kif jidher mill-ftehim tal-*

*kera datat 13 t'Awwissu 2017 kif ukoll mill-estensjonijiet diversi tal-kera annessi u mmarkati bħala Dok.5;*

v. *Mill-fatt illi l-esponenti għandha sħubija ma' kumpanija tal-Assigurazzjoni Maltija ossia Atlas Insurance, għal assigurazzjoni tas-saħħa, hekk kif jidher mill-Membership Statement, anness u mmarkat bħala Dok.6;*

vi. *Mill-employment history maħruġa ill-Jobsplus, annessa u mmarkata bħala Dok.7;*

vii. *Mill-kuntratt tax-xogħol tal-esponenti datat 7 ta' Jannar 2019 u ill-payslips li rċiviet minn Novembru 2018 nsa Lulju 2019, annessi u mmarkati bħala Dok.8.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil din L-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-ħall taz-zwieġ ta' bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012);*

2) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat in-nota tal-Avukat tal-attriċi datat 20 ta' Awwissu 2019, fejn ikkonferma illi osserva l-obbligi tiegħu ai termini tal-Artikolu 66G subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[3] li permezz tagħha irrilevaw:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti hux edotti ill-fatti u għalhekk jirriservaw risposta ulterjuri eta u jekk jirnexxielho jikkomunikaw mal-intimat innhom rapprezentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti*

[2] Fol. 48.
[3] Fol. 108.

*tipprovdilhom kull informazzjoni li jista għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.*

2. *Illi r-rikorrenti għandha tassigura illi ġie osservat id-dispost tal-artikolu 66G(2)(a) tal-kap 16.*

3. *Illi l-esponenti, f'dan l-istadju, jinsabu fl-ipossibilita li jsegwu dak dispost fl-artikolu 66H tal-Kap 16.*

4. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[4]

Rat in-nota tal-konvenut, datata 10 ta' Diċembru 2020 fejn ġie rilevat: *"L-intimat għamel kuntatt mal-kuratur fejn informah illi huwa m'għandux oġġezzjoni għad-divorzju u li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ilha li ntemmet is-snin u ihom daqshekk ma jaraw lil xulxin u li l-partijiet m'għandhox pretenzjonijiet kontra xulxin"*;[5]

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti datat 12 ta' Jannar 2021;[6]

Rat in-nota tal-attriċi ta' nhar il-5 ta' Frar 2021,[7] fejn permezz tad-dokumenti annessi jirrizulta li l-attriċi addempixxiet ruħha mal-provvediment tal-Qorti ta' nhar it-12 ta' Jannar 2021 u akkwistat l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili;

Rat l-Artikoli, 66A, 66B, 66Ċ, 66D, 66G, 66H, 66I, 66L u 66N tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għad-deċizjoni llum;

---

[4] Fol. 113 – 117.
[5] Fol. 124.
[6] Fol. 125 – 126.
[7] Fol. 129 – 131.

Ikkunsidrat:

Preliminarjament, il-Qorti evalwat iċ-ċirkostanzi odjerni u dan bl-intiza li tasal għall-konkluzjoni jekk il-Qrati nostrana għandhomx il-ġiurisdizzjoni jisimgħu u jiddeċiedu l-kawza odjerna.

Wara konsiderazzjoni tal-Artikolu 66N tal-Kodiċi Ċivili u d-dokumenti ezebiti mill-attriċi, il-Qorti tara li mill-atti rrizulta ampjament ċar illi r-rekwiziti elenkati fl-imsemmi artikolu tal-liġi ġew sodisfatti u b'hekk din il-Qorti tista' tipproċedi billi tagħti l-ġudizzju tagħha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat li l-azzjoni odjerna hija talba da parti l-attriċi għall-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet, fejn minkejja li ilhom *de facto* separati minn xulxin għal zmien konsiderevoli, ma humiex separati legalment permezz ta' kuntratt pubbliku jew sentenza. Mir-rikors ġuramentat, l-affidavit tagħha u d-dokumenti ezebiti minnha jirrizulta illi:

(i) L-partijiet izzewġu ġewwa Ċipru nhar il-15 ta' Mejju 2012, minn liema zwieġ ma twieldux tfal;
(ii) Ilhom *de facto* separati minn xulxin sa mis-sena 2014;
(iii) Ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni;
(iv) Il-partijiet ma fadlilhom ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluz manteniment;
(v) Permezz ta' *pre-nuptial agreement* bejn il-partijiet, dawn tal-aħħar għazlu li r-reġim tal-patrimonju tagħhom ikun dak tas-separazzjoni tal-beni, u llum ma hemm l-ebda assi li għandhom jiġu likwidati u divizi.

Għal din it-talba kif dedotta jirrizulta li l-konvenut ma għandu l-ebda oġġezzjoni, filwaqt li kkonferma li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ilha li spiċċat għal perjodu msemmi mill-attriċi u b'hekk ma hemmx prospett għal rikonċiljazzjoni. Il-konvenut jikkonferma ukoll li l-partijiet m'għandhomx pretensjonijiet kontra xulxin.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija sodisfatta illi l-attriċi rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex z-zwieġ jiġi maħlul u dana peress hekk kif irrizulta illi:

(i) Fid-data li nbdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin kienu jgħixu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' (4) snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti; u,

(ii) Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-mizzewġin kif konfermat mill-partijiet infushom, u dan minkejja li ai termini tal-Artikolu 66 G u 66H tal-Kodiċi Ċivili tali possibilita' tkun ġiet spjegata u diskussa mill-avukat li jkun qiegħed jassisti lil kull parti fil-kawza; u,

(iii) Il-miżżewġin irrinunzjaw għad-dritt ta' manteniment minn għand xulxin, u b'hekk ma hemmx pretensjoni ta' manteniment.

Barra minn hekk, u fid-dawl li din it-talba għall-ħall taz-zwieġ qiegħda tintalab filwaqt li l-partijiet ma humiex legalment separati, u ċjoe' ma hemm l-ebda kuntratt jew sentenza li tirregola l-firda personali tagħhom, il-Qorti aċċertat ruħha illi ġiet segwita l-proċedura kontemplata f'Artikolu 66I tal-Kodiċi Ċivili fis-sens illi l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex l-attriċi setgħat tipproċedi bil-kawza ta' divorzju odjerna ġiet sodisfaċjentament akkwistata.

GĦALDAQSTANT, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

L-ispejjez għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.